# ĠIMGĦA**EWROPEA**TAL-MOBILITÀ

16-22 TA’ SETTEMBRU 2024

## Tema tas-Sena: Spazji Pubbliċi Għal Kulħadd

B’aktar minn 70% tal-Ewropej jgħixu f’żoni urbani, l-ispazji pubbliċi naqsu ħafna f’ħafna bliet. Post fejn in-nies, il-modi ta’ trasport u l-attivitajiet kollha għandhom spazju biżżejjed joffri bilanċ soċjali, aktar sigurtà fit-toroq, inqas storbju, inqas tniġġis fl-arja, u kwalità aħjar ta’ ħajja. Għalhekk, li taqsam tal-ispazju pubbliku ma oħrajn iġib miegħu ħafna benefiċċju lis-soċjetà.

L-utenti vulnerabbli tat-toroq jammontaw għal 70% tal-fatalitajiet fit-toroq urbani, għalhekk hu essenzjali li dan il-grupp jingħata prijorità meta jiġi allokat l-ispazju pubbliku. Biex in-nies jiġu mħeġġa jimxu u jużaw ir-rota aktar ta’ spiss, għandu jkun hemm aktar infrastruttura ddedikata ta’ kwalità għolja, u regoli ta’ traffiku li jagħtu prijorità lill-persuni mexjin u liċ-ċiklisti.

L-awtoritajiet pubbliċi għandhom l-għodod biex jimplimentaw bidliet fil-politika u l-infrastruttura li jsostnu bidla permanenti għal mobilità sostenibbli. Fl-aħħar mill-aħħar, l-ibliet li ngħixu fihom huma msawrin bl-għażliet individwali li nagħmlu.

**Ejjew naħdmu flimkien biex naqsmu bejnietna l-Ispazju Pubbliku Kondiviż!**

## L-Għanijiet ahhara tal -ĠIMGĦA**EWROPEA**TAL-MOBILITÀ- Spazji Pubbliċi għal Kulħadd

- It-titjib fil-kwalità tal-ħajja urbana u l-promozzjoni tal-infrastruttura li żżomm lin-nies fil-viżjoni
- Nixprunaw inizjattivi oħra tal-UE, bħal REPowerEU u l-Patt Ekoloġiku Ewropew.
- L-iffaċilitar tal-użu ta’ modi aktar nodfa ta’ trasport u l-promozzjoni ta’ bidla fl-imġieba bil-forniment ta’ infrastruttura, netwerks, kundizzjonijiet u destinazzjonijiet adattati għall-mobilità attiva u t-trasport pubbliku.

### 1. Nesperjenzaw l-ispazju pubbliku b’mod differenti

L-ispazju pubbliku huwa għal kulħadd! Dan għandu jkun disponibbli għall-użu minn kulħadd b’mod sigur u pjaċevoli, li jippermetti mobilità individwali kif ukoll interazzjoni soċjali.

**Agħmel il-mobilità sostenibbli viżibbli:** Hajjar lin-nies biex jużaw mezzi tat-trasport li ma jħammġux u sawwar tagħlim dwar għażla ta’ trasport alternattiv li jistgħu jintuża sabiex jintlaħqu l-istess għanijiet, eż. Naqsmu flimkien l-użu ta’ riżorsi (roti, vetturi, skuters elettriċi eċċ.), ir-roti għal-ġarr tal-merkanzija, it-trasport pubbliku u b’mod partikolari l-mixi. Il-modi sostenibbli u l-prinċipju ta’ “użah - takkwistaħx” jgħinu jnaqqsu l-konġestjoni tat-toroq, id-dipendenza fuq il-vetturi, u l-ispazju meħtieġ għall-ipparkjar ta’ kull tip ta’ trasport personali. Pjani għall-immaniġġar dinamika tal-parkeġġ mal-bankina jistgħu wkoll jiġu implimentati għall-użu effiċjenti tal-ispazju, li jistgħu jintużaw għal skopijiet diversi.

**Mexxi b’eżempju:** Il-ħaddiema tal-awtoritajiet pubbliċi, l-uffiċjali tal-gvern, u n-negozji i għandhom jużaw inċentivi li jinkoraġġixxu għażliet sostenibbli u għażliet ta’ mobilità attiv. Dan jippermettilhom biex imexxu bl-eżempju, jesperjenzaw il-politika tat-trasport sostenibbli fl-azzjoni, u jqajmu għarfien dwar il-ħtieġa ta’ infrastruttura ddedikata ta’ kwalità għolja. Il-vetturi għal użu mill-uffiċjali pubbliċi u t-trasport pubbliku għandhom ukoll jiġu ffinanzjati biex jaġġornaw għal vetturi aktar nodfa u aktar effiċjenti.

**Ipproteġi, irrispetta:** Il-kampanja, l-ippjanar tal-ispazju u r-regolamenti għandhom jiġbdu l-attenzjoni għar-rispett tal-aktar vulnerabbli - bħat-tfal, il-persuni miexja, il-persuni bi sfidi ta’ mobilità, u dawk kollha li isegwu mobilità attiva.

**Sawwar l-ispazju pubbliku madwar il-prijoritajiet għall-futur:** L-ispazju pubbliku ilu jeżisti fi ħdan l-ibliet u l-irħula tul is-snin. Dan jista’ jevolvi biex jagħti prijorità lill-mobilità aktar sostenibbli u inkluživa, b’mod partikolari l-mixi u ċ-ċikliżmu.

Aktar fuq **www.mobilityweek.eu**

**Id-dritt ta' passaġġ:** Id-drittijiet tal-persuni kollha, li jinkludu l-persuni li jsegwu trasport attiv, dawk b'diżabilitajiet u gruppi vulnerabbli b'mod ġenerali m'għandhomx ikunu suġġettiv. L-ispazju għandu jitqassam b'mod ġust u, b'mod partikolari, dawk kollha li mhumiex bil-mixi għandhom jiżguraw rispett għall-persuni miexja u l-persuni li għandhom sfidi ta' mobilità.

## 2. Niżviluppaw mill-ġdid l-ispazju urban flimkien

Meta jiġi żviluppat mill-ġdid l-ispazju urban, il-komunità lokali jeħtieġ li tiġi nvoluta, u għandha tingħata konsiderazzjoni lill-kull min juża t-triq u l-mezzi differenti ta' trasport. Dan ser jgħin it-tqassim ta' l-ispazju fin-netwerks ta' trasport biex jgħin l-esiġenzi lokali u sabiex il-modi kollha jeżistu flimkien.

**Ko-kreazzjoni:** Il-ko-kreazzjoni tfisser li l-komunità, il-partijiet ikkonċernati, u l-pubbliku ġenerali jiddaħħlu flimkien fil-proċess biex jikkollaboraw. Idealment, dan isir mill-bidu nett. Li titkellem mal-ġirien dwar il-kuntest lokali u x-xewqat tal-komunità lokali jinkoraġġixxi l-involviment. Dan jgħin ukoll sabiex tinġabar firxa wiesgħa ta' perspettivi, ideat, ostakli potenzjali li jridu jingħelbu, u jiżdied ic-ċans lin-nies jaċċettaw u jaddottaw.abitudnijiet ġodda.

**Jinholqu spazji ġodda ta' rekreazzjoni:** Postijiet terzi jipprovdu opportunitajiet għal rekreazzjoni, u bi prezz affordabbli lil hinn mid-dar u l-ambjent tax-xogħol, bħal parks, ċentri komunitarji, pubs u kafetteriji. Postijiet bħal dawn huma dejjem aktar importanti fl-isfera pubblika għall-kwalità tal-ħajja u s-sahha mentali.

## 3. It-toroq tal-iskejjel: Il-ħolqien ta' spazju sigur għal vjaġġar attiv

Il-ħolqien ta' toroq siguri għall-iskejjel mhuwiex importanti biss għas-sigurtà' tat-tfal tagħna - dawn l-inizjattivi jsostnu transizzjoni ġenerazzjonali lejn mobilità attiva aktar sigura.

**Oħloq rotot alternattivi għat-traffiku lokali lil hinn mill-iskejjel:** Oħloq inizjattiva bejn il-kunsill lokali u l-iskejjel tal-lokal biex issostni aċċess għall-persuni miexja, iċ-ċiklisti, u t-trasport. Il-preżenza ta' traffiku qawwi madwar l-iskejjel għandha tiġi skoraġġit.

**Aqsam l-eżempji tajbin:** Hemm ħafna eżempji ta' sinifikat li jgħinu biex jinħolqu toroq siguri għall-iskejjel, bħal sinjali tat-toroq fuq livell nazzjonali, u l-allokazzjoni ta' spazju biżżejjed għall-parkeġġ u aċċess għal trasport attiv. Dawn jistgħu jiġu replikati fil-livell lokali.

**Eduka lill-ġenituri u t-tfal:** Il-ġbir u l-wasliet fl-iskejjel spiss iqanqlu problemi ta' traffiku, li jistgħu jiġu solvuti billi wieħed jitkellem mal-ġenituri. L-ispazji sikuri għat-tfal jistgħu jinħolqu billi jiġu introdotti żoni mingħajr vetturi jew politiki mmirati oħrajn.

**Għallem lill-ġenerazzjoni li jmiss:** Huwa importanti li wieħed jitgħallem dwar is-sigurtà' fit-toroq, u li gruppi ta' studenti u ġenituri jiġu mħeġġa jaqsmu l-pjaċir tal-mixi u ċ-ċikliżmu lejn l-iskola, bl-użu ta' rotot siguri.

**Aċċerta l-aċċessibilità għall-utenti kollha:** Meta jiġu ddisinjati toroq, intersezzjonijiet u hubs multimodali, aċċerta l-aċċessibilità għall-utenti kollha, li jinkludu familji ta' kull età, u persuni b'diżabilitajiet. Dan jinkludi konsiderazzjonijiet bħall-wisa' tal-ispazju, il-prossimità u l-veloċità tat-traffiku, kif ukoll elementi fiżiċi tat-trasport pubbliku (eż., liftijiet, il-livell tal-pjattaformi, l-aċċess għall-vetturi, eċċ.).

## 4. L-ippjanar u d-disinn ta' toroq aktar siguri

L-ippjanar u d-disinn ta' toroq aktar siguri jinvolvi l-konsiderazzjoni tar-residenti u l-modi tat-trasport kollha. Il-periti tat-toroq u trasport għandhom jibqgħu jiġu mħarrġa biex jinħoloq bilanċ bejn l-allokazzjoni tal-ispazju għat-toroq, u biex jipproteġu lill-persuni vulnerabbli fit-toroq. In-negozji u l-organizzazzjonijiet kollha għandhom iżommu dan f'moħħhom meta jħejju pjani għall-immaniġġjar tal-mobilità.

**Politika mtejjba dwar is-sigurtà' fit-toroq:** Nieħdu b'eżempju pajjiżi bi strateġiji nazzjonali li rnexxew għall-ħarsien tal-persuni vulnerabbli u s-sostenn ta' trasport kollettiv u attiv. Tiġi Implimentata kunċett rilevanti għal-lokali , fejn hu possibbli.

**Inforza r-regoli tal-parkeġġ:** Ir-regoli tat-traffiku għandhom jinżammu biex jaqblu mal-kuntest lokali, u għandhom jiġu allokati riżorsi xierqa għall-infurzar tar-regolamenti tal-parkeġġ. Dan jinkludi l-parkeġġ ta' vetturi, u l-parkeġġ sigur għal skuters elettriċi u roti - biex jiġi żgurat passaġġ sigur għal kulħadd.

**Allokazzjoni bbilanċjata tal-ispazju tat-triq:** Evita infrastruttura li timblokka jew tneħħi l-ispazju mit-trasport attiv biex takkomoda modi oħrajn. Dan jinkludi sinjali, dawl, parkeġġ u stazzjonijiet tal-iċċarġjar.

**Appoġġ fl-oqsma residenzjali:** Naqqas il-veloċità għal 30 km/siegħa. Jinholqu rotot għal ċikliżmu sigur li jkunu protetti minn vetturi. Jiżdiedu r-rotot u l-hin ta' servizz għat-trasport pubbliku. Tinġabar il-fehma tal-pubbliku. Jsiru pjanijiet lokali biex tiżviluppa l-immaniġġjar tal-mobilità.